



Brussell, 6 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13612/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0252(COD)

CODEC 1738
POLCOM 209
SPG 8
PE 120

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 - Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-2 sal-5 ta' Ottubru 2023)

I. INTRODUZZJONI

Fis-6 ta' Settembru 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew japprova l-proposta tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq mingħajr emendi, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fid-19 ta' Settembru 2023, ir-rapporteur, Heidi HAUTALA (Ħodor/AHE, FI), ippreżentat rapport f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA) bl-għan li tiġi aċċettata l-proposta għal Regolament imsemmija hawn fuq. Ma ġiet ippreżentata ebda emenda.

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-5 ta' Ottubru 2023 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness ma' dan, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrisponi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

P9_TA(2023)0353

Skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2023 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (COM(2023)0426 – C9-0226/2023 – 2023/0252(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0426),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0226/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-6 ta' Settembru 2023, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A9-0267/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ksieb li temendaha b'mod sustanzjali;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-5 ta' Ottubru 2023 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament (UE) 2023/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 978/2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja¹,

¹ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2023.

Billi:

- (1) Mill-1971 'il hawn, l-Unjoni tat preferenzi ta' kummerċ lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw skont skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati tagħha (l-iskema).
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² jipprevedi l-applikazzjoni tal-iskema sal-31 ta' Diċembru 2023, bl-eċċezzjoni tal-arranġament speċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, li jkompli jiġi applikat mingħajr data ta' skadenza.
- (3) Fit-22 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' skema ġeneralizzata ta' preferenzi tariffarji u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ (ir-regolament suċċessiv propost). Ir-regolament suċċessiv propost għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024. Madankollu, il-proċedura leġislattiva ordinarja rilevanti għadha għaddejja u hemm riskju li ma tiġix konklużi sal-31 ta' Diċembru 2023. Sabiex tiġi żgurata kontinwità tal-applikazzjoni tal-iskema, huwa meħtieġ li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2023 sal-mument li jiġi adottat u jibda japplika r-regolament suċċessiv propost.

² Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

³ COM(2021)0579.

- (4) L-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jenħtieġ li ttiprovdi ż-żmien meħtieġ għall-ikkompletar tal-proċedura leġiżlattiva għall-adozzjoni tar-regolament suċċessiv propost. Għaldaqstant, il-perjodu tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 jenħtieġ li jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2027. Fil-każ li r-regolament suċċessiv propost jidħol fis-seħħ u jibda japplika qabel dik id-data, jenħtieġ li l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 titqassar kif xieraq, filwaqt li jiġi pprovdut perjodu ta' tranżizzjoni adegwat. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni kontinwa tar-Regolament (UE) Nru 978/2012, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u japplika mill-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu, jew, jekk il-pubblikazzjoni issir wara l-31 ta' Diċembru 2023, b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2024,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 43(3) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 is-sena "2023" hija sostitwita bis-sena "2027".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew mill-1 ta' Jannar 2024, skont liema data tiġi l-ewwel.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President
